MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 18/2010

**G & P BORG LIMITED (C-16209)**

vs

Adolf **BALDACCHINO** u Joanne Baldacchino

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-8 ta' Jannar, 2010, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€41,234.69) li tirrappreżenta l-prezz ta' materjal minnha lilhom mibjugħ u l-għoti minnha ta' servizzi minnhom mitluba. Talbet wkoll il-ħlas ta' imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimat waqt is-smigħ tal-lum;

Semghet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mid-dikjarazzjoni tal-intimat li biha stqarr id-dejn mitlub, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni ta' l-intimati tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' s-soċjeta' attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€41,234.69) rappreżentanti l-prezz ta' materjal mibjugħ u servizzi mogħtija kif fuq ingħad flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b' seħħ mil-lum, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------